MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 301/2011

AB

-vs-

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-esponent izzewweg lil CD fit-30 ta’ Mejju, 1980 fil-Knisja Parrokjali tal-Belt, Valletta hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok A’;

Illi l-esponent ssepara legalment minn ma martu permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar J. H. Scriha datat 5 ta’ Gunju tas-sena 1998 u dan wara li gie awtorizzat b’digriet moghti tal-5 ta’ Gunju, 1998 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili;

Illi minn dan iz-zwieg kellhom iben bl-isem ta' X li llum huwa maggorenni stante li twieled fl-1 ta' Novembru, 1983;

Illi peress li m'hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilazzjoni bejn il-partijiet u l-kuntratt ta' separazzjoni legali bejn il-partijiet huwa datat 5 ta' Gunju, 1998 u ghalhekk issa ghaddew sew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali kif rikjest mill-ligi;

Illi dwar il-manteniment ma hemm xejn dovut stante li kien diga pattwit li r-ragel ma jamministrax manteniment lil martu u ukoll illum il-manteniment ghall-iben X ma ghadux il-kaz, peress li l-iben X illum huwa maggorenni ta' tmienja u ghoxrin (28) sena;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab in vista tas-suespost illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tl-31 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u qatt ma dehret ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Gunju 1998 u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi iben il-partijiet illum huwa maggorenni u skond il-kuntratt ta' separazzjoni ir-ragel ma kellux jghaddi manteniment lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------